MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 2078/1998/1

**Mario u Sharon mizzewgin Cassar**

**Vs**

**Leo u Mary Louise mizzewgin Camilleri**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi premettew illi huma proprjetarji tal-fond “Dwejra” Triq il-Waqqafa, Mosta u l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond adjacenti “Edera” Triq il-Waqqafa, Mosta.

Premess illi fis-17 ta’ Jannar, 1998 fil-fond tal-atturi u cioe’ “Dwejra” Triq il-Waqqafa, Mosta dahal hafna ilma minn

xquq fil-hajt divizorju bejn il-fond tal-atturi u dak tal-konvenuti pero' fuq in-naha tal-fond tal-konvenuti liema ilma thalla jipperikola mill-konvenuti gewwa l-fond tal-atturi wara li l-istess konvenuti kellhom xi hsara fis-sistema tal-kanen tal-ilma u /jew *washing machine* u apparat simili taghhom u a kawza tal-agir negligenti tal-imsemmija konvenuti fl-adoperazzjoni tal-istess makkinarju;

Premess illi dan l-ilma li dahal fil-fond tal-atturi ikkawza danni sostanzjali kemm fil-mobbli kif ukoll fl-immobbili tal-atturi;

Premess illi l-konvenuti ghalkemm interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni diversi drabi u dana anke permezz ta' ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu, 1998 baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddikjarhom unikament responsabbli ghall-hsarat u danni li garrbu l-atturi fil-mobbli u immobbili tal-fond taghhom "Dwejra" Triq il-Waqqafa, Mosta nhar is-17 ta' Jannar, 1998 minhabba ilmijiet li ipperkolaw f'dan il-fond tal-atturi minhabba hsara u difetti fil-hitan tal-fond tal-konvenuti u fis-sistema tal-kanen tal-ilma u / jew *washing machine* u apparat simili tal-istess konvenuti l-fond taghhom "Edera" Triq il-Waqqafa, Mosta u a kawza tal-agir negligenti tal-imsemmija konvenuti fl-adoperazzjoni tal-istess makkinarju;

2. tillikwida id-danni sofferti mill-atturi okkorendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni, ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu, 1998 u tal-Mandat ta' Sekwestruipprezentat fil-5 ta' Ottubru, 1998.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 12 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom ghaliex il-konvenuti ma kellhom ebda tort fil-incident in kwistjoni.

2. Illi l-atturi jridu jippruvaw li l-konvenuti kienu negligenti “fl-adoperazzjoni tal-istess makkinarju “.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-atturi talbu ammonti esagerati ta’ flus ghad-danni li sofrew u hargu mandat fl-ammont ta’ Lm2,200 meta d-danni li soffrew kien ferm inqas u naqsu li jimminimizzaw id-danni taghhom.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

**KONTESTAZZJONI**

Illi l-atturi ghamlu dina l-kawza ghal danni li huma sofrew meta fis-17 ta’ Jannar, 1998 dahal hafna ilma fil-fond taghhom minn xquq fil-hajt divizorju bejn il-fond taghhom u dak tal-konvenuti, liema ilma thalla jipperikola mill-konvenuti wara li dawn hallew il-*washing machine on* bil-lejl waqt li huma kienu reqdin u beda hiereg l-ilma minnha minhabba *breakdown* fl-istess magna.

L-ilma nizel minn taht it-tarag tal-bejt tad-dar tal-konvenuti. Dawn qeghdin filata iktar l-isfel mill atturi. Skond l-atturi meta dahal l-ilma dan faqqa l-fili (ara ritratt fol 8 tad-Dok AA a fol 60). Fejn hemm il-fili jigi l-art tal-parti tal-konvenuti.

L-atturi qed jissottomettu li l-incident gara minhabba traskuragni tal-konvenuti li hallew il-magna tal-hasil mixghula tahdem u marru jorqdu u fit-tieni lok, billi fil-proprjeta’ taghhom kellhom difetti li ppermettew l-ilma jidhol ghandhom.

L-atturi qed jitolbu bhala danni Lm1,455 ghat-tiswija tal-kcina; Electric Hob Lm119; Built in oven Lm155; gimgha xoghol billi l-attrici kellha ugieh f'darha u ma marritx xoghol; spejjez ta' zebgha u tikhil ghal riparazzjoni Lm20; u spejjez ta' Avukati u Qorti (ara xhieda attur, attrici u *claim form* fol 78).

Minn naha taghha l-konvenuta taqbel li kien dahal l-ilma minghandhom ghal ghand l-atturi pero' dak iz-zmien l-atturi kienu qed jaqilghu d-dar u fil-kcina kien hemm affarijiet maqlughin. Fil-post ta' l-atturi kien hemm it-toqob minn fejn beda diehel l-ilma. Il-hajt kien strippjat ghax kienu qed jaghmlu xoghol ta' tikhil. Xehdet ukoll li kienet rat l-ilma fil-kcina ta' l-atturi u kienu xxarbu xi tlett kaxxen u xi zewg bibien minn naha ta' fuq. Dak il-hin, ilma diehel minn naha taghhom ma ratx. Hi tghid li l-*claim* li ghamlu l-atturi ma l-*insurance* ma kienitx gusta billi kienet rat xi hsara kienu sofrew u ta' l-insurance kien deherilhom li l-*claim* kienet esagerata. Da parti taghha ma thossx li kien hemm negligenza billi tal-*washing machine* kien qalilhom li kien inqasam bicca mid-*drum* u din ma kienitx haga normali.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Responsabilita'

Jirrizulta mill-provi, u mhux qed jigi michud mill-konvenuti, li kien dahal hafna ilma mill-fond tal-konvenuti ghal fond ta' l-atturi.

Il-konvenuti qed isostnu li huma ma kienux negligenti u l-ilma ma kienx dahal tort taghhom ghand l-atturi. Fit-tieni lok qed jikkontestaw id-danni mitluba mill-atturi bhala esagerati.

## LIGI

**1031.** **K**ull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.

**1032.** (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il- prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.

(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal- ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.

**1042.** Jekk issir hsara lil xi hadd …..inkella bit-tfigh jew xhit ta' xi haga minn bini, id-detentur ta' dak il-bini, meta huwa nnifsu ma jkunx ghamel dak il-fatt, u ma jkun bl-ebda mod ha sehem fih, ma jwegibx ghall-hsara….

Mhux kontestat li l-fond ta' l-atturi hu filata aktar gholi mill-fond tal-konvenuti u meta dahal l-ilma dana faqqa l-fili tal-hajt. L-art tal-konvenuti tigi fil-parti fejn hemm il-fili li nfaqqghu (ara fol 60 ritratti). L-ilma imbaghad beda jipperkola minn dawn il-fili ghal gol-kcina ta' l-atturi u dam sejjer hekk xi saghtejn. Il-hajt minn naha tal-konvenuti ma kienx imkahhal, jew ma kienx imkahhal sew, ghax kieku l-ilma kien jibqa' niezel fil-pjan terren tal-konvenuti u mhux jippenetra l-hajt tal-gemb li jmiss mal hajt ta' l-atturi u jidhol fil-post ta' l-atturi.

Il-konvenuti qed jghidu li huma ma kienux negligenti u l-incident ma garax tort taghhom. Jirrizulta li l-konvenuta kienet imliet *load* fil-*washing machine* fis-siegha ta' filghodu u marret torqod u halliet il-*washing machine unattended*. Il-konvenuta qed isostni li ma kienitx negligenti ghax hi ma setghetx tipprevedi l-incident (li jinqasam id-drum) billi l-*washing machine* kellha biss sentejn u kienet f'kondizzjoni tajba (ara fol 65).

Illi l-Qorti hi tal-fehma li thalli *washing machine unattended* ghaddejja waheda tahdem u tmur torqod bla ma ticcekkjaha xi kultant hija traskuragini, ghax mhux l-ewwel darba li *washing machines*, jigrilhom xi haga, elettrika jew mekkanika, jew jaghmlu l-ilma, daqqa ghal haga u daqqa ghall ohra ez *hose pipe, drum*, bieba etc. Il-Qorti inoltre tirrileva li ghalkemm il-konvenuti kienu gew mitluba mill-

*insurance* taghhom stess biex igibu rapport tat-*technician*, dana ma ngabx u lanqas ma gie konfermat skond il-ligi.

Il-konvenuti qed jissottomettu wkoll li l-ilma pperkola ghand l-atturi ghax dawn kienu qed jaghmlu xi xoghol fid-dar taghhom, kellhom toqob fil-hajt, u dan kien strippjat u bla tikhil.  Illi l-atturi cahdu li kien qed isir xoghol fid-dar taghhom u dan hu konfermat mir-ritratti ezibiti fis-*survey report* li gie prezentat minn Aldo Abela a fol 87.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident gara tort tal-konvenuti.

**Danni**

Il-konvenuti qed jikkontestaw id-danni billi qed isostnu li dawn huma esagerati. Dan qalu ukoll is-*surveyor* fir-rapport fejn sostna li l-*claim* kienet *on the high side* (ara fol 65). Il-konvenuta sostniet li d-danni mitluba kienu esagerati ghax kienet rat il-hsara li kien hemm fid-dar ta’ l-atturi.

Illi l-atturi gabu xhieda biex jikkonfermaw l-istimi li saru u l-ammonti li qed jitolbu. Xehed  Lawrence Sammut li spjega xi hsara kien hemm, li dina kellha tigi replaced, u li l-hsara kienet konsegwenza ta’ l-ilma li dahal. Il-kcina ghandha tigi msewwija.  L-*items* l-ohra jridu jinbiddlu billi xxarbu u qed isaddu jew ma jahdmux. Dwar il-gimgha xoghol li l-mara tilfet, ma saret ebda prova. Dwar spejjez ta’ zebgha u tikhil, fir-rapport a fol 60 qed jintalbu Lm20. Kwantu ghall spejjez legali dawn ma jinghatawx separatament.

L-oggetti danneggjati, ghalkemm godda, kienu uzati, izda billi l-istimi huma ta’  erba’ snin ilu u sakemm l-atturi jithallsu dak li talbu ser jghaddi aktar zmien, il-Qorti hi tal-fehma li m’ghandux isir tnaqqis fil-valur mitlub.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi

billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi
tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf seba' mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm1,749) li qed tigi likwidata in linea ta' danni.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------